# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 4318/2024/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Priviledge Mupimhidzi**

Illum 29 ta' Lulju 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Priviledge Mupimhidzi**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 123804(L), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli bejn Frar 2024 u Ġunju 2024, ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin:

1. kiser il-liberta' proviżorja billi naqas milli jħares il-kondizzjonijiet li ġew imposti fuqu mill-Maġistrat Dr. C. Farrugia Frendo LL.D., b'digriet mogħti nhar is-16 ta' Jannar 2024, li bih ħa l-ħelsien mill-arrest.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tirrevoka s-somma msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija, liema somma totali ġie mitlub li tiġi mgħoddija favur il-Gvern ta' Malta u l-Qorti ġiet mitluba wkoll tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tal-imputat u tordna l-arrest mill-ġdid tiegħu fejn bid-digriet imsemmi iktar 'l fuq kien ingħata l-ħelsien mill-arrest, kif stipulat f'Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Finalment, il-Qorti ġiet mitluba wkoll tittratta mal-imputat bħala reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenzi tal-Qorti (Malta), liema sentenzi saru definittivi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Ġunju 2024, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 31, 49, 50 u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u ttrattat miegħu bħala reċidiv u kkundannatu perjodu ta' sena priġunerija. *Ai termin*i ta' Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat il-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' erba' mitt Euro (€400) u tas-somma ta' ħamest elef Euro (€5,000) imposti fuq l-imputat bħala depożitu u garanzija personali rispettivament għall-finijiet tal-ħelsien mill-arrest bid-digriet datat 16 ta' Jannar 2024. *Ai termini* ta' Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti rrevokat *contrario imperio* d-digriet għall-ħelsien mill-arrest tal-imputat mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo fis-16 ta' Jannar 2024 u ordnat l-arrest mill-ġdid tiegħu.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fl-1 ta' Lulju 2024 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell billi tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata fejn sabitu ħati tal-akkuża dedotta kontra tiegħu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena, jew in subsidum, f'każ li l-Qorti ssib ħtija fil-konfront tiegħu, timmodifika l-istess sentenza appellata, limitatament in kwantu għall-piena, billi tirrevoka l-piena nflitta ta' sena (1) priġunerija effettiva u minflok tinfliġġi piena alternattiva minn dik karċerarja kif ukoll tirrevoka l-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' €400 u tas-somma*

*ta' €5,000 imposti fuq l-appellant bħala depożitu u garanzija personali rispettivament għall-finijiet tal-ħelsien mill-arrest bid-Digriet datat 16 ta' Jannar 2024 u tirrevoka r-revoka contrario imperio d-Digriet għall-ħelsien mill-arrest tal-appellant mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo fis-16 ta' Jannar 2024, u tirrevoka l-ordni tal-arrest mill-ġdid ta' l-appellant."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fis-17 ta' Lulju 2024.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-27 ta' Ġunju 2024.

Illi l-fatti ta' dan il-każ jirrigwardaw ksur tal-kundizzjonijiet għal ħelsien mill-arrest imposti fuq l-appellant allura imputat permezz ta' digriet mogħti mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo fis-16 ta' Jannar 2024 (Dok. "SZ 1" – *a fol.* 8 *et seq.*). Fost il-kundizzjonijiet li ġew impost, l-appellant allura imputat kellu jiffirma kuljum fl-Għassa tal-Pulizija ta' Birżebbuġa bejn is-sebgħa ta' filgħodu (7am) u s-sebgħa ta' filgħaxija (7pm). Minbarra dan, f'każ li l-appellant kien ser jibdel l-indirizz tad-dar huwa kellu jinforma lill-Pulizija b'dan fi żmien tnax il-siegħa minn tali bdil.

Illi mill-*bail book* (Dok. "SZ 4" – *a fol.* 101) li ġiet eżebiet fl-atti proċesswali jirriżulta li l-appellant beda jiffirma fis-17 ta' Jannar 2024 u l-aħħar darba li ffirma kien fit-23 ta' Frar 2024. L-appellant qabeż jumejn li kienu jkopru l-ġranet tal-20 u l-21 ta' Frar 2024. Wara t-23 ta' Frar 2024 huwa ma ffirmax aktar. Minbarra dan meta l-Pulizija ppruvaw jirrintraċċawh fuq l-indirizz mogħti

minnu, huma sabu li ma kienx għadu joqgħod hemm. Wara investigazzjoni, l-appellant instab u konsegwentement kien ġie arrestat.

Illi minn naħa tiegħu l-appellant xehed li huwa għadda minn ħafna problemi u li huwa *bipolar*. Skont hu, minħabba din il-kundizzjoni moħħu rikbu meta naqas milli jiffirma fl-Għassa u beda jgħidlu biex ma jmurx minħabba li jekk imur jiġi arrestat.

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dak imressaq mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu hija tqis li jkun opportun li l-ewwel tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

---

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jibda billi jagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Settembru 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charlot Calleja**. Huwa jinterpreta din is-sentenza fis-sens li għal każ odjern ma kienx hemm bżonn li l-Prosekuzzjoni tagħmel it-talba tagħha fiċ-*charge sheet* iżda kien biżżejjed li tagħmel tali talba permezz ta' Rikors fl-istess proċeduri. Ikompli li l-liġi ma titlobx dan u li l-importanti huwa li ssir it-talba fl-istess proċediment u qabel ma tingħata s-sentenza u b'mod li d-difiża tkun tista' tressaq is-sottomissjonijiet tagħha. L-appellant jispjega li dan ma sarx stante li t-talba għal revoka tal-liberta' proviżorja ma saritx fl-istess proċediment qabel ma ngħatat is-sentenza b'mod li d-difiża setgħet tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha. Jisħaq li l-Ewwel Qorti ma kellhiex il-kompetenza li tagħmel dan u kellha tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' dawk il-proċeduri stante li l-kompetenza kienet ta' dik il-Qorti li ordnat il-ħelsien mill-arrest. Fis-sottomissjonijiet li saru bil-fomm ingħad li l-Ewwel Qorti setgħet tapplika l-*proviso* taħt Artikolu 579(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fir-Risposta tiegħu għar-Rikors tal-appell tal-appellant, l-Avukat Ġenerali jilqa' għal dak sottomess mill-appellant fir-Rikors tiegħu u b'riferenza għas-sentenza msemmija mill-appellant ossia dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charlot Calleja** huwa jgħid li, f'din is-sentenza bil-kontra ta' dak li jgħid l-appellant, il-Qorti qatt ma qalet li t-talba tista' issir biss b'Rikors jew bil-fomm. Ikompli jgħid li s-sentenza in kwistjoni spjegat li talba li ma ssirx fiċ-*charge sheet* mhijiex nulla. Jispjega li l-appellant ma apprezzax li din is-sentenza twessa' l-għażla tal-Prosekuzzjoni. Rigward l-ilment tal-appellant li t-talba għal revoka mill-ħelsien mill-arrest setgħet issir

1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

biss f'dawk il-proċeduri li permezz tagħhom inħareġ id-digriet, l-Avukat Ġenerali jirreferi għal Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u jispjega li minn dan is-sub-artikolu jirriżulta li dan huwa reat *per se* u jrid jgħaddi minn proċedura ordinarja. Rigward it-talba tal-appellant relatata mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti, l-Avukat Ġenerali jispjega li l-appellant ma ta l-ebda raġuni għaliex iħossu aggravat minn tali piena u għaliex għandu jingħata piena aktar miti.

Illi din il-Qorti tibda billi tistqarr li hija qrat bir-reqqa s-sentenza kkwotata mill-appellant ossia dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charlot Calleja** (Numru 150/2008) u tinnota li din is-sentenza in kwistjoni hija msejsa fuq sentenza mogħtija fil-15 ta' April 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Kevin Gatt** (Numru 67/2006/1) fejn il-Qorti Kostituzzjonali spjegat is-segwenti:

> "7. Is-subartikoli (2) sa (4) tal-Artikolu 579 – introdotti, kif ingħad, permezz ta' l-Att XVI ta' l-2006 – biddlu s-sitwazzjoni billi, oltre għall-proċedura stabbilita fis-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 579, introduċew proċedura ġdida. Illum il-ksur ta' kundizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet li bih tkun tat il-ħelsien mill-arrest[2] jammonta wkoll għal reat[3]. Bħal f'kull reat il-konsegwenza hija piena. Din il-piena tista' tkun jew dik biss indikata fis-subartikolu (2) – multa jew priġunerija, jew multa u priġunerija flimkien – jew tista' tinkludi wkoll it-telfien tal-ħelsien mill-arrest (iżda mhux il-konfiska tas-somma) fil-proċeduri li fihom il-ħati jkun ingħata l-ħelsien mill-arrest preventiv. Jingħad "tista'" għax il-leġislatur ta l-fakolta' lill-Pulizija li meta jressqu lill-imputat jew akkużat – dan irid jitressaq dejjem taħt arrest – talli kiser xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti mill-qorti, huma jistgħu wkoll jitolbu "fl-istess proċedimenti…ir-revoka

[2] "Jekk "kundizzjoni statutorja" imsemmija fl-Artikolu 579(1) ma tkunx ġiet inkluża b'xi mod fl-imsemmi digriet, is-subartikolu (2) ma japplikax."
[3] "Delitt, mhux kontravvenzjoni, in vista tal-fatt li l-piena hija multa (mhux ammenda) jew priġunerija (mhux detenzjoni), jew multa u priġunerija flimkien."

> tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid ta' dik il-persuna"."

Illi għalhekk min qari ta' din is-sentenza l-kliem *"fl-istess proċedimenti"* ma ffissrux li tali proċediment irid issir quddiem l-istess Maġistrat li jkun ħareġ id-digriet oriġinali tal-ħelsien mill-arrest. Li jfisser huwa li l-proċediment irid ikun l-istess ta' dak li bih imputat jew akkużat, skont il-każ, jitressaq minħabba li jkun kiser kundizzjoni tad-digriet li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest.

Illi dwar dan il-punt din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-14 ta' Diċembru 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Italo Grech** (Numru 342/2006) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel aggravju tal-appellant li kien imissu tressaq b'din l-akkuża quddiem l-istess Qorti li quddiemha kien għaddej proċeduri kriminali fuq akkużi oħra u li kienet il-Qorti li akkordatlu l-liberta' proviżorja, kif jaċċetta l-istess appellant, mhux bażat fuq il-liġi *per se* imma pjuttost fuq l-argumenti oħra fuq riprodotti.
>
> Illi kif osservat saġġjament l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, l-emenda reċenti għall-Artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali, bir ri-enumerazzjoni tal-artikolu bħala subinċiż (1) u bl-introduzzjoni tas-sub-inċiżi ġodda (2)(3) u (4) u li daħlet *in vigore* fit-3 t'Ottubru, 2006, ħolqot ir-reat ġdid ta' min jonqos milli jħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-Qorti fid-Digriet li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest. Bħala reat indipendenti, dan hu prosegwibbli mill-Prosekuzzjoni bl-istess mod kif jiġu prosegwiti reati oħra, u ċioè billi l-akkużat jitressaq bl-arrest quddiem il-Qorti preseduta mill-Maġistrat tal-għassa, mbagħad wara jiġi assenjat lil xi Qorti skond is-sistema ta' assenjament prevalenti minn żmien għall-żmien, b'dana li l-proċeduri jinstemgħu bl-urġenza. Kieku l-liġi riedet li akkużi ta' reati bħal dak kontemplat fl-Art. 579 (2) ikunu prosegwibbli biss quddiem il-Qorti

li tkun akkordat il-liberta' proviżorja, dan il-liġi kienet tgħidu ċar u tond. Imma kif jaċċetta l-appellant, dan il-liġi ma tgħidux. In omaġġ tal-prinċipju *"ubi lex voluit dixit"*, din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi hi l-volonta' tal-leġislatur f'dar-rigward."

Illi din il-Qorti taqbel ma' dak appena ċitat u tagħmlu tagħha. Daltronde ma jistax ma jkunx hekk minħabba li hemm Qorti tal-Maġistrati waħda. In vista ta' dan, din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha b'dan illi dik il-parti tar-Rikors tal-appell tal-appellant li tikkonċerna n-nuqqas ta' kompetenza tal-Ewwel Qorti qed tiġi miċħuda.

Illi għalkemm ma hemmx aggravju speċifiku, fit-talbiet tiegħu l-appellant jitlob li din il-Qorti teroga piena aktar ekwa u dana f'każ li hija tiċħad l-aggravju mressaq minnu.

Illi fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti ordnat li jiġi kkonfiskat a favur il-Gvern ta' Malta id-depożitu u l-garanzija personali mogħtija mill-appellant kif ukoll ikkundannat lill-appellant għal sena priġunerija u dana apparti li ordnat ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest tiegħu u ordnat li jiġi arrestat mill-ġdid.

Illi huwa stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza nostrana illi bħala regola qorti ta' reviżjoni ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*". Dan ingħad, fost l-oħrajn, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-25 ta' Awwissu 2005 fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum et** (Numru 9/2004).

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija fit-28 ta' Settembru 2017 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Daniele Aquilina** (Numru 8/2016) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "13. Tajjeb li qabel kull konsiderazzjoni oħra, ikun affermat il-prinċipju regolatur in tema illi ma huwiex normali li din il-Qorti, *qua* Qorti tal-Appell Kriminali, tiddisturba d-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm din ma tkunx fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li kellha tkun anqas jew aktar minn dik li tkun fil-fatt erogata. (Ara fost skorta ta' sentenzi in rigward: **Il-Pulizija vs. Nikola Farrugia et** 2.10.2002; **Il-Pulizija vs. Maurizio Massimiliano** 13.11.2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella** 14.6.1999 u **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina** 24.4.2003 kif ċitati fis-sentenza riċenti **Ir-Repubblika ta' Malta vs. *ommisis* u Noel Frendo** 3.12.2015). Dan il-prinċipju japplika ugwalment għall-imputat kif ukoll għall-Avukat Ġenerali."

Illi jidher biċ-ċar li l-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti tmexxew fid-dawl ta' dak li jiddisponi Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra hekk:

> "Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' erba' xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-Qorti għandha tordna li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skont kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat."

Illi din il-Qorti ma jirriżultalhiex li dan kien każ fejn setgħet timponi multa meta jiġi kkunsidrat li l-appellant allura imputat waqaf ħesrem milli jiffirma fl-Ghassa tal-Pulizija. Lanqas ma' din il-Qorti taċċetta li l-appellant allura imputat kellu jingħata xi piena oħra għal dik ta' priġunerija effettiva u dana peress li meta persuna tingħata l-ħelsien mill-arrest hija għandha taderixxi mal-

kundizzjonijiet imposti fuqu b'mod rigoruż. Apparti minn dan, għandu jingħad ukoll li l-appellant ġie dikjarat mill-Ewwel Qorti bħala li huwa reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk l-Ewwel Qorti lanqas setgħet tikkundannah terminu ta' priġunerija li jkun sospiż.

Illi din il-Qorti tinnota li l-Ewwel Qorti setgħet tikkundanna lill-appellant għal piena massima ta' sentejn priġunerija (f'każ li ma kienx jiġi kkunsidrat bħala reċediv) pero' hija kkundannatu sena priġunerija, li din il-Qorti tqies li fiċ-ċirkostanzi hija waħda ġusta. Rigward il-konfiska tal-garanzija u tad-depożitu, din il-Qorti ma tqiesx li kellu jiġi kkunfiskat biss parti mill-garanzija u dana in vista ta' dak li ngħad f'dan il-paragrafu. Rigward id-depożitu din il-Qorti ma għandha xejn xi tgħid għajr li din il-Qorti ma tqiesx li l-Ewwel Qorti għamlet xi enunċjazzjoni żbaljata dwaru. Fir-rigward tar-revoka tal-ħelsien mil-arrest u tal-arrest mill-ġdid tal-appellant allura imputat, din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni dak li jiddisponi Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u qieset li l-Prosekuzzjoni talbet ir-revoka tal-ħelsien u l-arrest mill-ġdid tal-appellant u tinnota li l-Ewwel Qorti għamlet sewwa li laqgħet dawn iż-żewġ talbiet imsemmija u dana fid-dawl ta' dak li ngħad li persuna għandha taderixxi b'mod rigoruż mal-kundizzjonijiet meta tingħata l-ħelsien mill-arrest.

Illi rigward l-applikabilita' tal-*proviso* taħt Artikolu 579(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tisħaq li dan ma japplikax għal każ odjern stante li l-proċedura odjerna hija msejsa fuq Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux fuq Artikolu 579(1) tal-Kapitolu msemmi.

Illi għal dawn ir-raġunijet kollha msemmija hawn fuq, l-aggravju u l-argumenti kollha mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu qed jiġu miċħuda.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Priviledge Mupimhidzi u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

Finalment din il-Qorti tordna li din is-sentenza tiġi notifikata lill-Qorti tal-Maġistrati li tat il-ħelsien mill-arrest lill-appellant permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' Jannar 2024.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**